

2.2.2024

A9-0410/51

Emenda 51
Markus Ferber
f' isem il-Grupp PPE

Rapport
Petar Vitanov

A9-0410/2023

L-effett fl-Unjoni kollha ta' ċerti skwalifiki tas-sewqan
(COM(2023)0128 – C9-0036/2023 – 2023/0055(COD))

Proposta għal direttiva
Premessa 26a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(26a) Matul it-tħejjijiet għar-rieżami ta' din id-Direttiva, il-Kummissjoni jenħtieġ li tqis kemm jista' jkun possibbli li l-Istati Membri jiffaċċjaw sfidi ġeografiċi u soċjetali differenti meta jippruvaw itejbu s-sikurezza fit-toroq. Tabilħaqq, filwaqt li xi Stati Membri qed jimmiraw b'suċċess li jinfurzaw ir-regoli tat-traffiku fit-toroq permezz tal-hekk imsejħa sistemi ta' punti mnaqqsa, oħrajn qed jagħżlu metodi differenti, bħall-impożizzjoni immedjata ta' sanzjonijiet aktar stretti jew sforzi akbar fir-rigward ta' kampanji mmirati ta' infurzar u prevenzjoni. Barra minn hekk, jenħtieġ li jitqies ukoll il-fatt li s-sistemi ta' punti mnaqqsa infushom jistgħu jkunu differenti b'mod sinifikanti bejn l-Istati Membri li jagħżlu li japplikawhom. Fil-fatt, ir-riżorsi u l-attenzjoni jenħtieġ li jiġu diretti lejn miżuri oħra, li jistgħu jżidu s-sikurezza fit-toroq, filwaqt li l-Istati Membri jitħallew ukoll jindirizzaw l-isfidi differenti li jiffaċċjaw b'dawk il-modi li jemmnu li huma l-aktar effiċjenti;

Or. en